# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 166/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mark Anthony Ebejer**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Mark Anthony Ebejer**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 35487(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol nhar is-6 ta' Novembru 2017 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel f'The Willows, Triq Jules Verne kantuniera ma' Triq ir-Raheb Kurradu kantuniera ma' Triq Ġdida, Naxxar fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala persuna li tħaddem:

1. naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol billi naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex waqgħat mill-għoli jkunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti;

2. naqas ukoll li jiżgura li x-xogħol fl-għoli jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-użu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol għandhom ikun pprovduti u għandhom jintużaw mezzi adatti ta' l-aċċess u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurta';

3. naqas ukoll li jiżgura li poġġamani ta' protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-17 ta' Ġunju 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"**tħassar** is-sentenza appellata u tgħaddi biex issib lil Mark Anthony Ebejer ħati tal-imputazzzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tgħaddi biex tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-22 ta' Mejju 2019.

Illi l-uniku aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Jisħaq li mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti u senjatament mix-xiehda mogħtija minn Joseph Cremona u r-ritratti prodotti u eżebiti jirriżulta ċar li kien hemm numru sostanzjali ta' *open shafts* u turġien mingħajr poġġamani li kienu responsabilita' tal-appellat allura imputat. Jargumenta li l-appellat kellu jassigura li kien hemm ilqugħ u protezzjonijiet għall-aħjar sigurta' tal-impjegati tiegħu fuq is-sit tax-xogħol. Isostni li hemm biżżejjed provi sabiex l-appellat jinstab ħati u li barra minn hekk l-appellat ma rnexxilux jipprova sal-grad mitlub minnu bil-liġi li effettivament huwa ħa l-miżuri kollha mitluba minnu biex jassigura s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol u li għalhekk huwa kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa dwar l-apprezzament tal-fatti. Din il-Qorti dejjem segwiet il-linja li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha legalment u raġonevolment. In fatti din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru

2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti u b'hekk tagħmel analiżi tal-provi prodotti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

- Ħdax (11)-il ritratt (Dok. "JC 1" – *a fol.* 5 *et seq.*) eżebiti minn Joseph Cremona in rappreżentanza tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol.

- *Stop Order* (Dok. "JC 2" – *a fol.* 12) iffirmata mill-istess Joseph Cremona fir-rigward tal-fond "The Willows, Triq Jules Verne k/m Triq Raheb Kurradu k/m Triq Ġdida fi Triq Jule Verne, Naxxar" fejn hemm imniżżel, fost l-oħrajn, hekk: *"All works are to stop immediately except for any remedial works which have been ordered by the OHSA Officers. This order shall remain "in vigore" until revocation from OHSA."*

- **Joseph Cremona** (*a fol.* 38 *et seq.*) xehed li kien mar fuq il-post indikat u sab lill-appellat fejn sab in-nuqqasijiet kif jidhru fir-ritratti. Jgħid li ma kienx hemm *railings* u dana meta fuq sit ta' kostruzzjoni għandu jkun hemm *safety* biex il-ħaddiema ma jweġġgħux. Jgħid li r-ritratti jispjegaw kollox. Jixhed li kien hemm tliet ħaddiema li ndikaw lill-appellat bħala dak li jħaddimhom u li wieħed mill-ħaddiema niżel minn taraġ espost għal waqgħat mill-għoli. Jgħid li ma kien hemm l-ebda forma ta' *railing*, jiġifieri ilqugħ temporanju protettiv, u li n-nuqqasijiet kienu kollha marbuta ma' waqgħat mill-għoli. Jixhed li mir-ritratti jirriżulta li hemm ħafna *railings* neqsin u jgħid li kien hemm toqob fl-art bla protezzjoni, gallariji miftuħin u taraġ bla *railings*. Jisħaq li l-Avviż Legali jobbliga kemm lill-klijent u kif ukoll lill-*employer* illi s-sit trid tkun *safe* billi jittieħdu dawk il-miżuri kollha biex jiġi evitat il-periklu. Jgħid li t-toqob lanqas kellhom injam biex jindika lil dak li jkun li hemm ħofra. Jispjega li s-sit kienet indikata b'PA wieħed b'xi seba' vilel u li l-appellat kien qed jaħdem fin-nofs fejn kien qiegħed fil-komun ta' bejn il-vilel kollha. Jgħid li t-toqob kienu kważi ħdejn l-appellat u li l-appellat kien responsabbli mis-sit.

- **Joseph Saliba** (in rappreżentanza ta' Jobsplus – *a fol.* 42 *et seq.*) ikkonferma Dok. "JS 1" (*a fol.* 13) li kien ippreżenta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jgħid li skont id-*database* tal-

JobsPlus, l-appellat kien l-unika persuna li kien impjegat f'dak il-perjodu. Jgħid li kien impjegat miegħu stess.

- L-appellat **Mark Anthony Ebejer** (*a fol.* 44 *et seq.*) xehed li s-sit tikkonsisti f'għaxar vilel u li hu kien ħa l-kuntratt ta' waħda minnhom. Jgħid li x'ħin mar is-*safety officer* kienu ġo villa numru erba' (4) li kienet mibnija u lesta u li kienu qed jieħdu brejk fid-dell. Jgħid li t-taraġ kien fin-numru erba' (4) li hu ma ħadimx fiha għax hu kien qed jaħdem fin-numru ħamsa (5). Jispjega li hu ma kienx inkarigat għan-numru erba' (4) għax, kif kien diġa' qal, din kienet mibnija u lesta. Jgħid li s-sit fiha madwar tlitt elef metru kwadru. Jgħid ukoll li l-villa li kien inkarigat minnha hu kienet għadha fil-*basement*.

Illi din il-Qorti tinnota li ġew ippreżentati diversi ritratti tal-post liema ritratti juru nuqqasijiet serji. L-appellat jissottometti li hu kien responsabbli ta' villa waħda biss u mhux ta' dik fejn hu u l-ħaddiema tiegħu kienu waqfu biex jieħdu brejk fid-dell. Skont Dok. "JS 1" (*a fol.* 13) l-uniku impjegat kien l-appellat li huwa deskritt bħala *sub-contractor*. Meta kien mistoqsi jekk l-appellat kienx responsabbli għal vilel kollha, Joseph Cremona xehed li fuq it-tabelli ma kienx hemm imniżżel l-isem tal-kuntrattur. Għad-domanda tal-Ewwel Qorti: *"Jiġifieri s-sinjur kien responsabbli għal kollha kemm huma?"* (*a fol.* 41), Cremona wieġeb hekk: *"Le ma kienx hemm imniżżel xejn. Kull ma kien hemm jiġifieri li niftakar PA number, ħafna mis-signs li jkun hemm jiffejdaw bix-xemx Sur Imħallef u ma jkun hemm ebda tip ta' informazzjoni. Prima facie jiena sibt lis-sinjur fuq il-post"* (*a fol.* 41). Mill-provi jirriżulta li l-appellat kien tassew fuq il-post meta mar l-uffiċjal u li dan l-uffiċjal ra b'għajnejh *"wieħed mill-ħaddiema niżel minn taraġ espost għal waqgħat mill-għoli"* (*a fol.* 39).

Illi din il-Qorti jibqgħalha l-*lurking doubt* jekk l-appellat kienx responsabbli wkoll għal aktar minn binja waħda u li l-post fejn kienu l-ħaddiema kienx personalment responsabbli għalih hu. Għal din ir-raġuni, l-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**